DEĊIŻJONI TAL-BORD TA' TMEXXIJA (PRIVAT) TAL-EUROPOL

tal-1 ta' Diċembru 2009

bi ftehim dwar il-kondizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-Europol għall-varjazzjoni fl-ammonti msemmija fl-Appendiċi għad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 dwar it-taxxi applikabbli għal salarji u bonusijiet imħallsa lill-membri tal-personal tal-Europol għall-benefiċċju tal-Europol

(2009/999/UE)

IL-BORD TA' TMEXXIJA TAL-EUROPOL,

Wara li kkunsidra l-Protokoll imfassal abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 41 (3) tal-Konvenzjoni Europol, dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Europol [1], tal-membri tal-organi tiegħu, tal-viċi diretturi u tal-impjegati tal-Europol, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 ta' dan,

Billi:

1. Fit-30 ta' Novembru 2009 l-Kunsill iddeċieda li jadatta salarji u l-bonusijiet għall-uffiċjali tal-Europol b' 1.2 % b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 2008.

2. Fit-13 ta' Mejju 2009 l-Bord ta' Tmexxija ddeċieda li jeffettwa zjieda fl-ammonti msemmija fl-Artikolu 4 tal-Appendiċi għad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tas-16 ta' Novembru 1999 [2] bl-istess persentaġġ u mill-istess data kif deċiż fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-istess data msemmija f' punt numru 1.

3. Skont l-istess deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija, iċ-ċifri stabbiliti għaldaqstant għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008:

1. Iċ-ċifra msemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tal-Appendiċi għad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 għandha tiġi sostitwita b'EUR 117,00;

2. Iċ-ċifri f'unitajiet euro tat-tabella inkluża fl-Artikolu 4 tal-Appendiċi għad-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol tas-16 ta' Novembru 1999 għandhom jiġu sostitwiti bis-segwenti:

8 % għal ammonti bejn EUR 117,00 u EUR 2 060,89

10 % għal ammonti bejn EUR 2 060,90 u EUR 2 838,56

12.5 % għal ammonti bejn EUR 2 838,57 u EUR 3 253,13

15 % għal ammonti bejn EUR 3 253,14 u EUR 3 694,43

17.5 % għal ammonti bejn EUR 3 694,44 u EUR 4 109,04

20 % għal ammonti bejn EUR 4 109,05 u EUR 4 510,91

22.5 % għal ammonti bejn EUR 4 510,92 u EUR 4 925,50

25 % għal ammonti bejn EUR 4 925,51 u EUR 5 327,38

27.5 % għal ammonti bejn EUR 5 327,39 u EUR 5 741,96

30 % għal ammonti bejn EUR 5 741,97 u EUR 6 143,84

32.5 % għal ammonti bejn EUR 6 143,85 u EUR 6 558,43

35 % għal ammonti bejn EUR 6 558,44 u EUR 6 960,94

40 % għal ammonti bejn EUR 6 960,95 u EUR 7 375,55

45 % għal ammonti 'l fuq minn EUR 7 375,56

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ ġurnata wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fl-Aja, l-1 ta' Diċembru 2009.

F'isem il-Bord ta' Tmexxija

S. CLERTON

Il-President

---

[1] ĠU C 221, 19.7.1997, p. 2.
[2] ĠU C 65, 28.2.2001, p. 8.